# Inventarju tas-Santwarju ta' l-1694-1695 u d-Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Mellieħa fis-Seklu 17

F'Awwissu ta' l-2003 irnexxielna nakkwistaw u nżidu ma' l-arkivju tal-Parroċċa tal-Mellieħa kopja ta' Inventarju tas-Santwarju magħmul min-nutar pubbliku Michael Go. Bonavita għar-Rettur tas-Santwarju Dun Giov. Paolo Bartholo fl-1694-1695. Ingħata n-numru APM 16 u jiġbor fih dak kollu li kien jippossiedi s-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa f'dak iż-żmien. Jidher li dan l-Inventarju kien il-frott taż-żewġ żjarat li l-Isqof Mons. David Cocco Palmeri għamel fis-Santwarju fl-20 ta' Novembru 1686 u fit-23 ta' Ottubru 1693.

**Deheb u Fidda**

Dan l-Inventarju jibda minn faċċata 210 u jibqa' sejjer sa faċċata 229, jiġifieri madwar 40 faċċata sħaħ ta' oġġetti li kienu jinsabu fis-Santwarju. L-ewwel parti tiġbor fiha d-dehbijiet u l-fided fosthom kuruni tad-deheb u tal-fidda, ħaġar prezzjuż, *ciarcelli* bil-perli, *pennecchiere* tal-ħġieġ, *gargantiglie* tad-deheb, slaleb u buttuni tad-deheb, turkini, xogħol ta' filugran, diversi gandlieri tal-fidda, ċensier bin-navetta u l-kuċċarun tal-fidda, kalċi bil-patena kollu tal-fidda, pissidijiet tal-fidda, diversi lampieri tal-fidda, u ħamsa u ħamsin Ex-Voto tal-fidda, fost ħafna oġġetti oħra.[1]

**Kapep u Ventartali**

It-tieni parti tiġbor fiha kapep u tuniċelli tas-suf mirqumin bid-deheb u l-ħarir, dvalji tas-satin, diversi pjaneti tas-suf abjad imdawra bil-bizzilla tad-deheb u l-fidda, oħrajn tad-damask abjad u aħmar, stoli u manipuli tas-satin. Parti oħra tagħtina ħafna ventartali, jiġifieri dawk li jitpoġġew fil-faċċata ta' l-artali speċjalment fil-festi. Insibu uħud minnhom tas-suf abjad bil-frenża tad-deheb jew tal-ħarir, oħrajn tad-damask aħmar bir-rakkmu tad-deheb u l-ħarir jew bil-bizzilla tad-deheb u tal-fidda. Ventartali oħra huma tal-bellus aħmar jew iswed, hemm ieħor b'arma li fiha ġilju, barri u tliet stilel. Ma' dawn hemm diversi tapizzeriji jew damask, ħodor u sofor li jservu bħala dvalji.[2]

**Stendardi u Gandlieri**

F'dan l-Inventarju nsibu mniżżla tliet stendardi jew bandalori mdendla fil-Knisja/Santwarju, wieħed bil-



L-uniku Ex-Voto impitter li fadal mis-60 imsemmija fl-Inventarju ta' l-1694-5

figura tal-Madonna, ieħor bl-arma tal-mejjet G.M. Cottoner u l-aħħar wieħed jirrappreżenta r-Reliġjon Qaddisa flimkien ma' tliet stendardi oħra tal-ħarir. Ma' dawn insibu tmienja u ħamsin gandlier ta' l-injam, parti minnhom arġentati, oħrajn lixxi u l-kumplament qodma. Hemm ukoll tilari jew *frames* li jintużaw fl-artal tar-Rużarju u quddiem il-Madonna, kif ukoll ieħor miksi bil-bellus. Insibu żewġ kurċifissi bis-sieq u dawn jinsabu fuq iż-żewġ artali tas-Santwarju, jiġifieri tal-Madonna u tar-Rużarju, żewġ leġiji, pulptu, żewġ messalli ġodda u tnejn oħra qodma, Ritwal Ruman u Brevjar. [3]

**Imkatar u Dvalji**

Hemm 'l fuq minn mitt soprakalji, imkatar tal-ħarir kollha irrakkmati bil-bizzilla tad-deheb, ħafna dvalji u mkatar tal-Mustaxija jiġifieri għażel trasparenti, mirquma bil-ħajt tad-deheb. Insibu tmien sopra kalċi, tnejn u għoxrin korporal u mitt purifikatur flimkien ma' dsatax-il alba, tmintax-il ammittu, sittax-il ċinglu, żewġ spellizzi u tnejn u għoxrin par kuxxini tas-suf, ħarir u damask ta' diversi kuluri. Hemm ukoll ħamsa u sittin dvalja ta' l-artal fi kwalita' differenti. [4]

**Statwi u Qniepen**

Insibu statwa tal-Madonna bil-Bambin f'idha fuq pedestal maħdum biċċa waħda fl-injam, sitt statwi ta' diversi qisien ta' l-irħam abjad, erbgħa minnhom miksura fis-sagristija. Hemm żewġ qniepen kbar fil-kampnar, qanpiena żgħira mal-ħajt tal-kappella, tliet qniepen żgħar għas-servizz tal-quddies, oħra żgħira bil-manku ta' l-injam, oħra mal-ħajt tal-kappella mqiegħda dan l-aħħar u erba' qniepen żgħar fl-armarju tas-sala. L-Inventarju jsemmi ukoll Fontana, gandlieri tal-landa, trepiedi, rampila, pala, zpapen, paletti, mannara, żewġ alabardi bil-lasti, żewġ xwabel, xkubetta tal-kaċċa u biex tikkargaha, barmil għall-ilma, arloġġ bil-qanpiena u l-mazza bil-kaxxa mpenġija tiegħu, fanali u ġarer kbar u żgħar għaż-żejt tas-Santwarju. Jissemmew ukoll ħafna vażetti bil-fjuretti. [5]

**Kwadri**

Insibu Agnus Dei tax-xama, kwadru tal-Madonna tal-Pieta' u ieħor tal-Kurċifiss bil-Madonna u l-Madalena, it-tnejn mogħtijin mis-sinjur Michele Portelli, ieħor tal-Madonna tar-Rużarju ma' San Duminku u Santa Catarina ta' Siena u kwadru ieħor tal-Madonna ma' Santu Rokku u Santa Rosolea. Hemm ukoll żewġ kwadri bl-armi tal-mejjet G.M. Cottoner u ta' l-Arċisqof, Bambin tax-xama' ġol-kaxxa tiegħu, kurċifiss Grieg ġol-kaxxa, kwadru ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, ieħor tal-Madonna tal-Konsolazzjoni ma' Santu Wistin u Santa Monica, diversi tabelli bl-iskrizzjonijiet fuqhom fosthom il-Ċublew tal-Festa ta' Omm Alla, diversi turġien ta' l-injam għall-artali, velu jew purtiera flimkien ma' vażun roża bil-bizzilla tal-fidda u oġġetti oħra kollha mogħtija minn Gioannella Maldonaro. Hemm kwadru ieħor bil-Madonna fi stil Grieg, sittin kwadru żgħar u kbar Ex-Voto u diversi Carta di Gloria. [6]



L-Istatwa tal-Madonna bil-Bambin maħduma biċċa waħda fl-injam ta' l-1618

**Tapiti u Għamajjar**

Fis-Santwarju hemm diversi tapiti ta' daqsijiet differenti tas-suf u ta' l-għażel, turġien, kaxxetti ta' diversi qisien, gwardarobbi, imwejjed, banketti, siġġijiet tal-ġewż u tal-fagu, karrettun għall-ġarr tal-ġebel, mazez ta' l-injam għall-balluta tat-torba, żewġ tavluni għal meta jitbajjad/ jinżebaħ is-Santwarju, żewġ gradi għaż-żewġt ibjar tas-Santwarju, erba' travi, mejda ta' l-ikel twila sittax-il xiber u żewġ bankijiet madwarha fil-għar ta' ġewwa flimkien ma' mejda ta' l-ikel ta' tmint ixbar fl-istess għar kif ukoll *tavolato* għall-irqad. Fis-Santwarju hemm tnax-il bank, kbar u żgħar, għan-nies, mejda twila, kaxxetta żgħira u gandlieri, sellum forċi biex jinxtegħlu l-lampieri, tavolina għall-ampulluzzi, diversi mwejjed u turġien oħra, żewġ konfessjonarji u żewġ ġinokjaturi fis-sagristija.. L-Inventarju jsemmi buqar tal-landa biż-żennuna biex jaħslu jdejhom is-Saċerdoti, tliet kaxxi żgħar tal-landa għall-ostji, oġġett biex jaqta' l-ostji fit-tond, ħafna torċi u xemgħat mogħtija lill-Madonna, ħames krozzi, erba' bajdiet tan-nagħma, katina u erba' manetti tal-ħadid.[7]

**Kuruni u Oġġetti oħra**

Dan l-Inventarju jsemmi diversi kuruni tal-qroll aħmar, ta' l-injam u tal-kristall abjad, voti tal-fidda, slaleb żgħar tal-fidda, lampier tar-ram, diversi għonnelli tad-damask u bil-bizzilla kif ukoll palju, fost ħafna oġġetti oħra żgħar.[8]

**Bini, Immobbli u dħul minn Qbiela**
**Is-Santwarju kien jipposiedi wkoll:**

- ġardin b'diversi siġar li kien imiss ma' ġid ta' Cirillo Portelli u ma' spazju pubbliku,
- tliet *clausure* jew mandriet qrib is-Santwarju jmissu ma' xulxin u ma' toroq pubbliċi, maċ-ċimiterju u ma' ġid ta' Isidoro Azzopardi,
- mandra taħt il-ġardin fuq imsemmi u tmiss mal-wied fuq żewġ naħat u mal-mandriet fuq imsemmija,
- żewġ *clausure* jew art qrib il-baħar, waħda tmiss mal-wied, ma' toroq pubbliċi fuq żewġ naħat u ma' spazju pubbliku u l-oħra ma' beni ta' Gio Antonio Apap, ma' ġid ta' l-Universita', ma' art tal-Magistral Secretia u ma' triq pubblika. Dan u ġnien magħhom huma nqabblin lil Pietro Bezzina għal għoxrin uqija fis-sena.
- Mandra oħra, msejħa Landar di S. Simone, tmiss ma' beni ta' Don Gio M[a] Galea, Andrea Ciappara u ma' triq pubblika. Din hi mqabbla lil Don Domenico Valletta minn Casal Gudia għal sittax-il tari' (rbiegħi) fis-sena skond l-Atti tan-Nutar Gio Batta Dorbes.
- Erba' skudi u sitt Tari (rbiegħi) fis-sena mingħand Agatuzza armla ta' Luca Mifsud minn Casal Attard. Din l-art ingħatat b'ċens lill-mejjet Luca Mifsud skond l-Atti tan-nutar Mario Attard tal-15 ta' Diċembru, 1632.
- L-eredi tal-mejjet Dr. Gio Domenico Portelli jridu jħallsu ħames skudi u sitt Tarì fis-sena ċens perpetwu fuq art imsejħa *he buarnelia* f'Wied Incita skond l-Atti tan-Nutar Giacomo Xeberras tat-13 ta' Novembru, 1628.
- Publio Gatt, minflok Salvo Decaci, għandu jagħti 2 Skudi u 6 Tari' fis-sena bħala s-sid ta' xi djar fir-Rabbato fil-gżira ta' Għawdex kif jidher fl-Atti tan-Nutar Lorenzo Grima tas-16 ta' Settembru, 1645.
- Ħames Skudi fis-sena ġew imħollija mill-mejjet sinjur l.de Gremau biex jitħallsu lill-kappillan mill-kera ta' xi djar qrib il-knisja tal-Karmnu tal-belt Valletta. Ma' dawn pero' hemm l-obbligu li jitqaddsu 20 quddiesa fis-sena fil-jum tas-Sibt.[9]



Il-Gran Mastru Rafel Cottoner, devot kbir tal-Madonna tal-Mellieħa

**Knejjes li jaqgħu taħt il-Knisja Santwarju tal-Melleha**

1. Ta' San Pawl Eremita bl-obbligu tal-primi vespri u quddiesa kantata fil-festa nhar il-15 ta' Jannar, u l-kappillan hu obbligat li jagħmel il-primi vespri u jqaddes quddiesa nhar il-festa tal-Purifikazzjoni ta' l-Omm Mqaddsa kull sena fil-kappella ta' l-istess knisja.
2. Ta' Sant'Andrea bl-obbligu tal-primi vespri u quddiesa


Strade publiche, da pon:te con il Conventino, e con beni del S.
P. Isidoro Azzopardi, e da tram:na ...
Item una mandretta sotto il sud.o giardino confinata da
lev:te e mezzo d.i con il Vallone, da pon: con adito, e
da tram:na con le sud.e mandrette.
Item due Clausure di terra vicino al mare confinate
da lev:te con il Vallone, da mezzo d.i con strada pub.ca
da pon.te con spatio publico, e da tram:na con il mare
[illegible] l'altra da lev.te strada publica da mezzo di
con beni del Sig.r D.r Gio: Antonio Azzop.o da pon.te
con beni dell'Università e con beni della magis-
tral Secretia, e da tram:na con strada, ingabellate
con tutte le sud.e Clausure e giardino a Pietro
Bonnici per onze [illegible] l'anno
Item un altra mandretta app.ta landar di S. Simone
conf.ta da lev.te con beni del fu Sig.r D. Gio: m.o Galea
e con beni di Andrea Cuppuira, da mezzo di con
strada publica, da pon.te e tram:na con beni del d.o
fu D. Gio: maria, et altri [illegible]
emphiteutico al [illegible] Sig.r Don Domenico Vallettra di Casal
Zurrico per tari sedici l'anno per gl'atti del Sig.r Not.
Gio: Batta Porbes
Item scudi quattro e tari sei l'anno dovuti da Agatuzza
vedova del q.m Luca Mifsud di Casal Attard per
censo emphiteutico delle terre poste in d.ta tas hued in-
titolata [illegible] di Casal Attard date a censo al d.o fu
Luca Mifsud per gl'atti del q.m Notaro Mario
Attard sotto li 15 Decembre 1631.
Item gl'heredi del fu Sig.r D.r Gio: Domenico Perrelli
sono obligati pagare scudi cinque e tari sei l'anno
in perpetuo sopra le terre app.te tas le [illegible]

*Faċċata 223 ta' l-Inventarju ta' l-1694-5*

kantata fil-festa tiegħu kull sena.

3. Ta' San Pawl tal Bintichi bl-obbligu ta' quddiesa kantata f'jum il-Concessione tagħha, quddiesa kantata f'jum il-festa tal-qaddis u quddiesa letta fil-festi kollha tal-preċett.

4. Tan-Nativita' tal-Beata Verġni fil-contrada ta' hued Cannata jew Wied Qannota bl-obbligu tal-primi vespri u quddiesa kantata f'jum il-festa.

5. Ta' San Martin bl-obbligu tal-primi vespri u quddiesa letta f'jum il-festa u fil-Ħdud kollha tas-sena.

6. Ta' San Giov. Battista, profanata, bl-obbligu tal-primi vespri u quddiesa letta f'jum il-festa.

7. Ta' San Xmun, profanata, bl-obbligu ta' quddiesa letta f'jum il-festa.[10]

## Il-Viżitaturi

Fejn hemm miktuba l-oġġetti prezzjużi mogħtija lill-Madonna nsibu wkoll diversi ismijiet ta' dawk li tawhom, fosthom Gran Mastri ta' l-Ordni bħall-aħwa Cottoner, l-Isqof Bueno, Kavallieri bħal Marculfo Dellaya, Luigi Bizzana, Guillelmo de Recde u kaptani tax-xwieni bħal Honorato Acciar, Enrico Mancuso u Fontet. Ma' dawn insibu l-Generale Thedesco Erbestein, Pri Giovanne di Costantinopoli, in-nies tax-xwieni San Antonio u Santa Maria kif ukoll diversi nies oħra sinjuri rġiel u nisa.

## Għeluq

Żgur li kull ma semmejna u iktar li fih dan l-Inventarju jurina kemm kien miġjub u meqjum dan il-lok hekk għażiż. Il-ħafna rigali, kemm dawk prezzjużi u kemm dawk żgħar li kienu jinsabu fis-Santwarju għall-aħħar tas-Seklu 17, żgur huma xhieda ħajja tad-devozzjoni qawwija li kien igawdi l-post, minkejja l-biża' mill-attakki tal-furbani u tas-sibbien li kienet għada tippersisti f'dawn l-inħawi tal-Mellieħa. Huma kollha turija ta' fidi fil-Beata Verġni tal-Mellieħa li, minkejja li kienet maqtugħa mill-kumplament ta' Malta, xorta kienet f'moħħ dawk li kienu jeħtieġuha fil-mument tal-bżonn tagħhom. Ħafna mill-affarijiet imsemmija f'dan l-Inventarju ma għadhomx jeżistu, biċċa nbiegħu biex bi flushom saru opri oħra fis-Santwarju waqt li oħrajn qdiemu u nqerdu mal-milja tas-snin. Biżżejjed insemmu li mis-60 kwadru Ex-Voto tas-Seklu 17 imniżżla f'dan l-Inventarju baqa' biss wieħed. Min jaf xi storja ta' fidi u devozzjoni lejn il-Madonna tal-Mellieħa kellhom x'jgħidulna u issa ntilfet għal dejjem!

***Jonathan Muscat***

**Referenzi**


1. (A)rkivju (P)arroċċa (M)ellieħa. ff. 211-214
2. ibid. ff. 214-216.
3. ibid. ff. 216-216v.
4. ibid. ff. 216v-217v.
5. ibid. ff. 217v-219.
6. ibid. ff. 219-220.
7. ibid. ff. 220-222.
8. ibid. ff. 222-222v.
9. ibid. ff. 222v-223v.
10. ibid. ff. 223v-224.